MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru 13/2011

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Giovanna Pace**
***... omissis ...***
**Christopher Mazzitelli**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar żewġ appelli minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fis-6 ta’ Jannar 2012 dwar eċċezzjonijiet preliminari ta’ l-akkużati. L-

akkużati Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli ntavolaw appelli separati fil-11 ta' Jannar 2012.

**2.** Permezz ta' Att ta' Akkuża ppreżentat fis-16 ta' Ġunju 2011 (nru 13/2011) l-Avukat Ġenerali akkuża lil Giovanna Pace u lil Christopher Mazzitelli, reċidiv f'delitt, (flimkien ma' Mark Pace) li (1) assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta (id-droga herojina u id-droga tar-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni; (2) b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, kontra l-liġi; (3) b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga herojina kontra l-liġi, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li **dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom**; (4) b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw ir-raża meħuda mill-pjanta tal-Cannabis lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, kontra l-liġi; (5) b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellhom fil-pussess tagħhom ir-raża meħuda mill-pjantat*cannabis* konyra l-liġi, u **b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom**; (6) b'diversi atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina; (7) l-akkużata Giovanna Pace waħedha, attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna jew persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, senjatament lil WPS 45 Marisa Bartolo, PC 213 Nikolai Borg, PC 1220 Chris Baldacchino,

WPS 89 Mariella Spiteri u PS 1044 Gordon Calleja, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti, b'dan illi l-imsemmi attakk jew ir-reżistenza sar minn wieħed jew tnejn min-nies (8) lil Giovanna Pace waħedha, inġurjat, jew heddedt, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, senjatament lil WPS 45 Marisa Bartolo u PC 213 Nikolai Borg, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

**3.** Fir-rikors ta' appell tagħha l-akkużata Giovanna Pace (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-appellanti") indikat li kienet qed tappella mid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar l-eċċezzjonijiet tagħha mmarkati (B), (E), (F), (H) u (K). Ciononostante m'hemm l-ebda aggravju dwar l-eċċezzjoni H. L-akkużat Christopher Mazzitelli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-appellant") indika li kien qed jappella minn dik id-deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet tiegħu mmarkati (D), (E) u (H). L-eċċezzjonijiet (D), (E) u (H) ta' l-appellant huma identiċi għall-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti (E), (F) u (K) rispettivament.

**4.** Iż-żewġ appellanti ppreżentaw noti ta' eċċezzjonijiet separati fil-11 ta' Lulju 2011. L-eċċezzjonijiet rilevanti għall-appell ta' l-appellanti huma dawn:

"B. Illi t-Tieni u r-Raba` Kapi tal-Att ta' Akkuza jittrattaw id-delitt ta' traffikar ta' herojina w ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis, rispettivament. L-element kostituttiv ta' dan id-delitt huwa proprju li terzi jixhdu u jispjegaw kif huma gieli xtraw droga minghand l-akkuzat. Fil-kaz *de quo* ma jezisti l-ebda xhud f'dan ir-rigward u ghaldaqstant dawn il-Kapi qatt ma kellhom jingabu kontra l-esponenti. Ghandu jinghad ukoll li anke f'dan il-Kap, il-prosekuzzjoni sabiex iggib il-bocca vicin il-lik, b'uzu tal-vokabularju, daqqa taghmel riferenza ghal *garage* sottostanti ghad-dar tal-esponenti, u daqqiet ohra konvenjentement taghzel li taghmel riferenza ghar-'residenza' ta' l-esponenti – dan jammonta ghal qerq bil-kliem. Din l-eccezzjoni qed

tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.

“E. Id-dokument JMX3 huma tlett video tapes li gew mghoddija lil Qorti tramite l-Ispettur Josric Mifsud. Minkejja li l-verbal tas-seduta a fol. 220 jghid li dawn gew ezebiti bil-gurament mill-istess Spettur, analizi tax-xhieda a fol. 272/273 tal-atti processwali juru xort’ohra – *quod nullum est, nullum producit effectum.* Dan id-dokument ghaldaqstant ma jsegwix il-principju tac-*chain of evidence*. Isegwi naturalment li r-relazzjoni mmarkata bhala Dok. DVD ezebita mill-Perit Tekniku Dr. S. Farrugia Sacco hija monka stante li dan id-dokument ma huwa xejn ghajr hlief kopja digitali tad-dokument JMX3 u dan fid-dawl tal-principju legali *ab initio nullum, semper nullum.* Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

“F. Illi d-dokument immarkat Dok. JM1 u cioe` l-istqarrija rilaxxata minn Giovanna Pace ma huwiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana galadarba l-istess Giovanna Pace ma nghatatx il-fakolta` li tikkonsulta ma’ Avukat tal-ghazla taghha qabel ir-rilaxx ta’ tali stqarrija. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

“K. Illi l-kapi ta’ akkuza numru tnejn u tlieta jittrattaw id-droga herojina u li l-kapi ta’ akkuza numru erbgha w hamsa jittrattaw id-droga cannabis. L-Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponenti fit-tieni kap bi traffikar ta’ herojina u fit-tielet kap b’pussess aggravat ta’ l-istess sustanza. L-istess jghodd ghar-raba` u l-hames kapi naturalment in konnessjoni mad-droga cannabis. Jinghad li dan l-ezercizzju maghmul mill-Avukat Generali fejn qieghed jakkuza lill-esponenti darbtejn b’delitt tal-istess generu fuq l-istess droga huwa ezercizzju kontra l-ligi, fejn l-Avukat Generali qieghed jitlob sejbien ta’ htija tal-esponenti darbtejn fuq l-istess sustanza.

Tkompli titkabbar din l-ipotesi tal-ligi galadarba il-cannabis, kemm il- kokajina, kif ukoll l-herojina huma zewg sustanzi regolati mill-istess ligi u cioe` mill-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghaldaqstant li qieghed jaghmel l-Avukat Generali sabiex ikompli jkabbar lill-esponenti mill-bidunett, sabiex f’ghajn il-gurati popolari l-esponenti tidher li hija xi barunessa tad-droga, minflok ghogbu li jakkuza lill-esponenti b’kap wiehed li jolqot id-droga herojina, cannabis u kokajina, ghogbu jakkuza lill-esponenti b’kapi differenti bl-istess delitti fuq kull sustanza separatament (5 b’kollox mit-tieni kap sas-sitt Kap)! Ghaldaqstant fid-dawl tal-principju tal-Kodici Kriminali fejn il-Qorti sahansitra ghandha l-poter li tordna li aktar minn att ta’ akkuza wiehed ikunu maghquda, l-esponenti tiddikjara li fil-kaz odjern minflok hames kapi kellu jingieb kontra taghha kap wiehed li jolqot il-ksur kollu tal-istess ligi u mhux li jingiebu kontra taghha 5 kapi, sabiex b’hekk f’kaz ta’ sejbien ta’ htija l-Avukat Generali jkun jista` jitlob li k-komputazzjoni tal-piena ssehh a tenur tal-artikolu 17(a) u 17(b) tal-Kodici Kriminali. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali rigwardanti kull eccezzjoni preliminari ohra.”

**5.** L-eċċezzjonijiet rilevanti ta’ l-appellant huma dawn:

“D. Id-dokument JMX3 huma tlett video tapes li gew mghoddija lil Qorti tramite l-Ispettur Josric Mifsud. Minkejja li l-verbal tas-seduta a fol. 220 jghid li dawn gew ezebiti bil-gurament mill-istess Spettur, analizi tax-xhieda a fol. 272/273 tal-atti processwali juru xort’ohra – *quod nullum est, nullum producit effectum.* Dan id-dokument ghaldaqstant ma jsegwix il-principju tac-*chain of evidence*. Isegwi naturalment li r-relazzjoni mmarkata bhala Dok. DVD ezebita mill-Perit Tekniku Dr. S. Farrugia Sacco hija monka stante li dan id-dokument ma huwa xejn ghajr hlief kopja digitali tad-dokument JMX3 u dan fid-dawl tal-principju legali *ab initio nullum, semper nullum.* Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

“E. Illi d-dokument immarkat Dok. JM1 u cioe` l-istqarrija rilaxxata minn Christopher Mazzitelli ma huwiex prova

ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana galadarba l-istess Giovanna Pace ma nghatatx il-fakolta` li tikkonsulta ma' Avukat tal-ghazla taghha qabel ir-rilaxx ta' tali stqarrija. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe` eccezzjoni dwar l-ammissibbilita` tal-provi.

"H. Illi l-kapi ta' akkuza numru tnejn u tlieta jittrattaw id-droga herojina u li l-kapi ta' akkuza numru erbgha w hamsa jittrattaw id-droga cannabis. L-Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponenti fit-tieni kap bi traffikar ta' herojina u fit-tielet kap b'pussess aggravat ta' l-istess sustanza. L-istess jghodd ghar-raba` u l-hames kapi naturalment in konnessjoni mad-droga cannabis. Jinghad li dan l-ezercizzju maghmul mill-Avukat Generali fejn qieghed jakkuza lill-esponenti darbtejn b'delitt tal-istess generu fuq l-istess droga huwa ezercizzju kontra l-ligi, fejn l-Avukat Generali qieghed jitlob sejbien ta' htija tal-esponenti darbtejn fuq l-istess sustanza.

Tkompli titkabbar din l-ipotesi tal-ligi galadarba il-cannabis, kemm il- kokajina, kif ukoll l-herojina huma zewg sustanzi regolati mill-istess ligi u cioe` mill-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta."

**6.** Il-Qorti Kriminali ddisponiet minn dawn l-eċċezzjonijiet bil-mod segwenti:

"**Fol 33 –L-eċċezzjonijiet ta' Christopher Mazzitelli.**

"Eċċezzjoni D – Tliet video tapes ppreżentati mill-Ispettur Josric Mifsud.

"Skont id-difiża id-dokument JMX3 ma kienx ġuramentat mill-Ispettur Josric Mifsud minkejja li fil-verbal tas-seduta a fol 220 hemm miktub li l-esibiti kienu ppreżentati bil-ġurament mill-istess spettur.

"Il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' din is-sottomissjoni. L-Ispettur xehed u waqt ix-xhieda tiegħu (li dejjem tibda bil-ġurament) huwa ppreżenta l-esibiti. Il-

verbal huwa r-record ta' x'ġara fl-Awla u ma jistax ikun injorat. Lanqas jekk il-kliem 'qed nippreżenta dawn l-esibiti' ma ntqalux waqt ix-xhieda tal-ispettur, il-verbal huwa prova qawwija biżżejjed. Din il-Qorti m'għandha ebda raġuni għala għandha tiddubita dak li hemm fil-verbal jew li dawn il-video tapes tpoġġew minn xi ħadd ieħor.

"Isegwi li lanqas id-DVD esibit mill-Perit Tekniku Dr.S.Farrugia Sacco m'huwa monk. Lanqas li kieku wieħed kellu jqis l-videos monki għax, skont id-difiża, m'hemmx il-kliem 'Qed nippreżenta dawn il-videos bil-ġurament' ma jfissirx li l-video ippreżentat minn Dr.S.Farrugia Sacco ma jistax jintuża għax dan wara kollox ikun il-*best evidence* possibbli fiċ-ċirkostanzi. Il-*best evidence* mhux dejjem u bilfors irid ikun id-dokument oriġinali. M'hemm xejn fil-Liġi tal-Provi li jipprekludi lill-Prosekuzzjoni jew lid-Difiża li jġibu prova oħra sakemm din tkun tissodisfa l-Qorti.

"**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni D.**

"**Eċċezzjoni E – Id-dokument JM3 – L-istqarrija ta' Christopher Mazzitelli.**

"Id-difiża qed tgħid li l-akkużat ma kienx mogħti l-fakolta` li jikkonsulta ma' avukat u għalhekk dan imur kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti Kostituzzjonali.

"Din l-eċċezzjoni qed tingħata fi stadju preliminari. L-ewwel ħaġa li qed tosserva l-Qorti huwa li l-istqarrijiet ittieħdu fis-sena 2004. Salduz vs Turkey kienet deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Novembru 2008. Id-dritt għall-assistenza ta' avukat kien introdott f'Malta fl-10 ta' Frar 2010.

"L-artikoli tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) 658 – 661, sakemm qed tinkiteb din is-sentenza, fit-13 ta' Diċembru 2011, għadhom l-istess u n-noti ta' mal-ġenb juru li dawn qatt

ma kienu amendati sa minn meta kienu introdotti. Għalhekk dawn il-provvedimenti għadhom validi.

“**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni salv kull provvediment li l-Qorti tista’ tagħti lill-ġurati waqt is-smigħ tal-ġuri.**

“**Eċċezzjoni H. Akkuża Doppja**

“Skont id-Difiża l-Avukat Ġenerali ma setax jakkuża lill-akkużat bi traffikar tad-droga herojina fit-tieni Kap u b’pussess aggravat ta’ heroina fit-Tielet Kap u l-istess japplika għall-Kapi 4 u 5. Il-cannabis, il-kokaina u l-herojina huma kkontrollati mill-istess liġi.

“Ikkonsidrat

“L-ewwelnett ma jfissirx li għax it-tliet drogi msemmija jaqgħu taħt l-istess Kap allura għandu jkun hemm akkuża waħda. Minn imkien ma toħroġ din il-massima. Fil-fatt aktar issir enfasi fuq li wieħed għandu jkun jaf eżatt biex inhu akkużat u għal-liema droga qed tirreferi l-Prosekuzzjoni. Allura jekk taħt il-Kap 9 jista’ jirriżulta reat ta’ frodi u ta’ frodi innominata, l-Prosekuzzjoni għandha tagħti akkuża waħda biss. Il-Kapijiet tad-Droga ma jitqisux b’mod differenti minn kwalunkwe liġi oħra li tqis offiżi differenti għall-istess fatti.

“It-tieni, il-Qorti ma qegħda tara xejn ħażin li jkun hemm akkużi differenti għall-istess fatti. Huma l-ġurati li għandhom jiddeċiedu jekk l-akkużat instabx ħati taħt Kap wieħed jew tnejn għall-istess fatti. Għal dik li hija piena sta għas-sottomissjonijiet tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni u għall-ġudizzju tal-Qorti li tara fejn japplika l-artikolu 17(b) jew 17(h) tal-Kap 9 jew le.

“**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni mmarkata H.**

“**Fol 40 Eċċezzjonijiet ta’ Giovanna Pace**

"Id-Difiża ġentilment indikat lill-Qorti waqt it-trattazzjoni li l-eċċezzjonijiet mogħtija minn Giovanna Pace u mmarkati bħala D, E, F, G, J, K jikkorrispondu għal dawk mogħtija minn Christopher Mazzitelli taħt l-eċċezzjonijiet C, D, E, F, G, H. (Ara fol 75)

"Għalhekk il-Qorti sejra tiddisponi mill-eċċezzjonijiet ta' Giovanna Pace immarkati D, E, F, G, J, K bl-istess mod kif iddisponiet mill-eċċezzjonijiet ta' Christopher Mazzitelli mmarkati C, D, E, F, G, H b'dan pero' li fejn jirrigwarda l-eċċezzjoni F ta' Giovanna Pace (li tikkorrispondi għall-eċċezzjoni E ta' Christopher Mazzitelli), wieħed għandu jqis ir-referenza li hemm għall-istqarrija ta' Christopher Mazzitelli taħt l-eċċezzjoni E bħala referenza għall-istqarrija li saret minn Giovanna Pace taħt l-eċċezzjoni F.

"Għalhekk jibqa' biss dawn l-eċċezzjonijiet ta' Giovanna Pace li jridu jkun eżaminati separatament:

"**A, B, C, H, I.**

"**Eċċezzjoni B – It-Tieni u R-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża**

"Id-difiża tissottometti li peress li dawn il-Kapi huma dwar traffikar tal-herojina u tal-cannabis rispettivament, jinħtieġ il-preżenza ta' xhieda li jitilgħu jgħidu kif sar l-allegat traffikar. Skont id-difiża tali xhieda ma jeżistux u tissottometti wkoll l-istess kumment dwar l-użu tal-kelma 'fond' u tal-kelma 'garage' mill-Prosekuzzjoni.

"Fuq din l-aħħar osservazzjoni, a skans ta' repetizzjoni, il-Qorti tirreferi għar-rimarki li saru taħt l-Eċċezzjoni A.

"Dwar in-nuqqas ta' xhieda dwar it-traffikar li jixhdu li xtraw minn għand Giovanna Pace, dan huwa fatt li jrid jirriżulta waqt is-smigħ tal-provi meta l-ġurati jkunu jistgħu jgħarblu sa fejn twassal l-evidenza **kollha li ttella' l-Prosekuzzjoni.** Biss ma qed tara ebda nullita` minħabba dawn is-sottomissjonijiet tad-difiża tat-tieni u tar-raba' Kap vis a vis Giovanna Pace.

“**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni B.**

“**Eċċezzjoni H – Ċertifikat Mediku.**

“Dan iċ-ċertifikat jinsab a fol 691 jew 491 (skont liema numru tieħu it-tnejn li jidhru fuq iċ-ċertifikat) u huwa mmarkat MRC1. Dan kien ippreżentat minn Dr Mary Rose Cassar fis-seduta tal-14 ta’ Mejju 2009. Hija qalet hekk: Ġejt mitluba nipproduċi l-każ li ra Dr Kevin Zammit li illum jinsab imsiefer għax jinsab jaħdem barra minn Malta. Qalet ukoll li ‘iċ-ċertikat hawnhekk hawn miktub li ngħata lill-Pulizija.’

“Id-difiża qed tgħid li mhux iffirmat u li m’hemmx ir-*registration number*. Il- Qorti eżaminat iċ-ċertifikat u sabet il-firma ta’ Dr Zammit kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara. Fuq in-naħa ta’ wara, taħt il-firma jidher xi *registration number* (bejn il-firma u d-downstrokes li jidhru huma parti mill-firma ta’ dan it-tabib għax jidhru kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara. Issa dan iċ-ċertifikat ħareġ minn sptar statali u dokumenti hekk maħruġa għandhom ikunu prova tal-kontenut tagħhom. Fuq kollox, din il-persuna tinsab imsiefra u għalhekk din kienet l-aħjar prova li setgħet tinġieb.

“**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni H.**”

7. Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra r-rikors ta’ appell ta’ l-appellanti Giovanna Pace.

**8.** <u>L-ewwel aggravju</u> jirrigwarda l-eċċezzjoni B. Hija tilmenta li minkejja li ma teżisti l-ebda prova kumpilata (u l-persuni kollha ndikati bħala xhieda fil-każ odjern kollha ddeponew fl-Istruttorja) li b’xi mod issaħħaħ it-teżi tal-prosekuzzjoni in sostenn tat-Tieni Kap. u tar-Raba’ Kap. miġjuba kontra tagħha, il-Qorti Kriminali saħqet li tali deċiżjoni għandha tittieħed mill-ġurati stante li dan huwa punt ta’ fatt. L-appellanti ssaqsi jekk dan huwiex ġust. Issaqsi x’inhu l-iskop tal-Qorti Kriminali matul l-eċċezzjonijiet.

**9.** Permezz ta’ dan l-aggravju, u allura l-eċċezzjoni B, l-appellanti qed tippretendi illi l-Qorti Kriminali kellha tagħmel, u issa li din il-Qorti għandha tagħmel, apprezzament tal-provi biex tiddetermina jekk jirriżultawx it-Tieni u r-Raba’ Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuża. Din la hi l-funzjoni ta’ din il-Qorti u lanqas il-funzjoni tal-Qorti Kriminali fl-istadju ta’ l-eċċezzjonijiet. Kwistjonijiet ta’ apprezzament ta’ provi jridu jiġu ndirizzati mill-ġurati. L-artikolu 436(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: **“Imiss lill-ġuri li jiddeċidi fuq dak kollu li għandu x’jaqsam dwar jekk l-akkużat hux ħati jew le, u fuq il-kwistjonijiet kollaterali msemmijin taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta’ dan il-Kodiċi; u jmiss lill-qorti li tiddeċidi fuq l-applikazzjoni tal-liġi għall-fatt kif jiġi iddikjarat mill-ġuri, kemm ukoll fuq kull punt ieħor ta’ liġi jew tal-fatt dwar il-proċediment.”** Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**10.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-eċċezzjoni E. L-appellanti tgħid li ma ġietx segwita ċ-*chain of evidence rule* sabiex ġew ippreżentati d-dokumenti JMX3. Tgħid li ġaladarba l-Ispettur Mifsud xehed fid-dettall, u saħansitra ta n-numri tal-karta ta’ l-identita` tax-xhieda li kien għad fadallu x’jinġunġi, ma kien jeżisti xejn milli jwaqqfu jikkonferma bil-ġurament li esebixxa anke dawn il-*video cassettes*. Għalhekk issostni illi ma taqbilx illi verbal miktub mid-deputat reġistratur ta’ l-awla ghandu jitwemmen aktar minn xiehda moghtija bil-ġurament.

**11.** Issa, mill-verbal tat-12 ta’ Mejju 2004 quddiem il-Qorti Istruttorja[1], jirriżulta s-segwenti verbal:

“L-Ispettur Josric Mifsud esebixxa bil-ġurament tiegħu borża tal-plastic issiġillata li ġiet immarkata bħala Dok. JMX1 kontenenti d-dokumenti kif elenkati fir-rapport tas-*scene of crime officers* esebit u mmarkat bħala Dok. JF1 u esebixxa wkoll bil-ġurament tiegħu tliet *video cassettes* illi ttieħdu waqt l-operazzjoni li saret fl-arrest tal-imputati kollha bħala Dok. JMX3.”

[1] Fol. 220 ta’ l-atti ta’ l-Istruttorja.

Mill-atti ta' dik is-seduta ma jirriżultax li hemm xiehda traskritta fis-sens li kien qiegħed jesebixxi dawn id-dokumenti. Lejn l-aħħar tas-seduta l-Ispettur Mifsud ittella' biex jixhed in kontro-eżami u għalhekk jidher li kien fuq mistoqsija tad-difiża li ta l-ismijiet u anke n-numri tal-karta ta' l-identita tax-xhieda li kien għad fadallu jipproduċi.

**12.** Dwar il-verbali tal-Qorti, din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni nferjuri tagħha fis-7 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Chetcuti et**:

**"Ir-regola hi li dak li jseħħ quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jiġi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jiġix pruvat li dak li ġie reġistrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2002 (fol. 5 tal-atti) ġie reġistrat b'mod żbaljat jew inkomplet – u proprjament jekk wieħed jaqra sew l-ewwel aggravju isib li ma jingħad assolutament xejn speċifikatament dwar dan il-verbal jew il-korrettezza tiegħu – din il-Qorti neċessarjament trid toqgħod fuq il-verbal jew verbali li jkunu."**

**13.** Huwa minnu li, kif tgħid l-appellanti, verbal huwa magħmul mill-bniedem u għalhekk suġġett għall-iżball tal-bniedem, iżda hija ma ġabet l-ebda prova li dak li hemm miktub fl-imsemmi verbal huwa żbaljat. Il-fatt li ma hemmx traskrizzjoni ta' xiehda ta' l-Ispettur Josric Mifsud tal-mument li fih esebixxa d-dokumenti msemmija, ma jfissirx illi ma ġiex somministrat lilu l-ġurament qabel ma esebihom. Mhux kull ma jingħad fl-Awla jiġi traskritt. Għalhekk kemm id-Dok. JMX3 u konsegwentement anke d-Dok. DVD huma provi ammissibbli. Għaldaqstant it-tieni aggravju huwa miċħud.

**14.** <u>It-tielet aggravju</u> jirrigwarda l-eċċezzjoni F fejn l-appellanti tinsisti li l-istqarrija tagħha li ttieħdet mingħajr ma ngħatat id-dritt li tikkonsulta avukat, m'għandhiex titqies bħala prova ammissibbli.

**15.** Aggravju simili ġie trattat fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Abdilla et** mogħtija

minn din il-Qorti diversament komposta fid-9 ta' Mejju 2013 u sejra ssir referenza għaliha *in extenso*:

**"8.** Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assistenza ta' avukat dan ma jissarrafx awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita' awtomatika tagħha. Hekk, fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali,** fejn ġie deċiż li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ fejn ukoll l-imsemmi Muscat ma kellux assistenza legali, u wara li dik il-Qorti spjegat l-import tas-sentenzi relevanti tal-Qorti ta' Strasbourg, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet kif ġej:

**"'14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita`, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.**

**"'….**

**"'25. Partikolarment relevanti huwa dak li jingħad fil-bidu tal-para. 52 [fil-każ ta' Salduz vs It-Turkija]: "National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of**

**the defence in any subsequent criminal proceedings"[2]. Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.**

**"'26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: "This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused". Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni ta' theddid, vjolenza jew abbuż.**

**"'27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa: 'Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial *if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced* by an initial failure to comply with its provisions.'[3]"**

[2] Ara wkoll Płonka v. Il-Polonja, para. 34.
[3] Salduz v. it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).

**"'28. Naraw issa kif dawn il-prinċipji jolqtu l-każ tallum.**

**"'29. Fil-każ tallum l-attur kien raġel matur li ġà kien qiegħed jiskonta sentenza fil-faċilità korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija għamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-ħabs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità hekk li faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Għalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal għal sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino[4], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera[5], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.**

**"'30. F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[6]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[7].**

**"'31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'libertà sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-libertà fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.**

**"'32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx**

4 Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.
5 Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.
6 Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
7 Para. 78.

**qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.**

**“‘33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija ta’ l-akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta’ avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista’ jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b’qerq jew b’theddid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta’ avukat.**

**“‘34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta’ qabel dan jinġieb għall-attenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt.”**

**“9.** Inoltre, sejra ssir referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Carmel Saliba** mogħtija fit-2 ta’ Mejju 2013 fir-rigward ta’ aggravju simili għal dak odjern:

**“‘15. L-insenjament awtentiku u l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali f’din il-materja ġie riassunt fil-bran li ġej mis-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta’ April 2013 fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta’ Malta v Martin Dimech* fejn jingħad:**

***“‘Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta’ għajnuna ta’ avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta’ vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta’ aċċess għal avukat ma hemmx dik il-***

***garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*[8]**

**"'16. Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda, l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma rriżultat ebda ċirkostanza li tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi.**

**"'17. Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' *Muscat*, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi <u>kollha</u>, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.'"**

---

[8] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali **Joseph Bugeja v Avukat Ġenerali**, 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011

**16.** Din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti rilevanti u semgħet is-sottomissjonijiet opportuni, tikkonkludi li dak li ntqal fis-sentenza appena ċitata u b'referenza in partikolari għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech**, japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern. Kwindi it-tielet aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**17.** B'referenza ghar-raba' aggravju li tirrigwarda l-eċċezzjoni K, l-appellanti tiċċita ġurisprudenza Ingliża biex issostni t-teżi tagħha li fir-redazzjoni ta' l-Att ta' Akkuża l-Avukat Ġenerali kellu japplika r-*rule of duplicity*. Hija mbagħad tosserva:

"Illi l-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprekludi s-sustanzi kemm tal-herojina, kemm tar-raża tal-cannabis, kif ukoll tal-kokajina;

"Illi l-pussess aggravat u t-traffikar ta' kull waħda mis-sustanzi msemmija, dejjem huwa bi ksur tal-istess artikolu tal-liġi cioe` l-artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi l-piena hija l-istess u l-liġi ma tagħmilx distinzjoni fil-piena billi toqgħod tqis jekk il-pussess aggravat jew it-traffikar huwiex ta' sustanza jew oħra;

"Illi l-allegat aġir seħħ in konnessjoni mas-sustanzi kollha fl-istess perijodu;

"Illi l-allegat aġir mhux biss skond il-prosekuzzjoni seħħ fl-istess perijodu talli seħħ ukoll mill-istess post u cioe` 61 Mill Street, Qormi.

"Marbul dan kollu, hija ġusta l-esponenti meta tisħaq li dak kollu li qiegħed jallega l-Avukat Ġenerali fil-partijiet narrattivi tal-Att ta' Akkuża odjerni jidher li huma 'a number of acts of a similar nature committed by one or more defendants … connected with one another, in the time and place of their commission or by their common purpose, <u>in such a way that they could fairly be regarded as forming part of the same transaction or criminal enterprise</u>'?

"Meta wieħed jara 'what is fair in the circumstances' ma hijiex korretta l-esponenti li titlob li l-ħames kapi ċitati *supra* jkunu magħquda f'Kap wiehed, in vista tal-konsegwenzjali applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali f'każ ta' sejbien ta' ħtija taħt aktar minn wieħed mind awn il-Kapi?

"Jiġi mfakkar kif l-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) hija obbligatorja u mhux diskrezzjonali għal Qorti għaldaqstant lanqas ma hija korretta l-Qorti Kriminali meta tisħaq li 'għal dik li hija piena sta għas-sottomissjonijiet tad-difiża u tal-prosekuzzjoni u għall-ġudizzju tal-Qorti li tara fejn japplika l-artikolu 17(b) jew 17(h) tal-Kap. 9 jew le'.

"Bl-aġir ta' l-Avukat Ġenerali li minflok ma jakkuża lill-esponenti b'Kap wieħed li jittratta l-allegat aġir kollu bi ksur tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti qed tissogra li minflok ma hija tingħata piena raġjonevoli fuq Kap wieħed f'każ ta' sejbien ta' ħtija li ma tkunx piena għal għmorha, hija qed tissogra li f'każ li hija tinstab ħatja tal-5 Kapi kollha, hija tingħata piena fuq l-aktar Kap gravi, biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien, b'dan li ż-żmien li jingħata ma jiskorrix ħamsa u tletin sena."

**18.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tirreferi għal dak li ġie deċiż minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Gordi Felice** mogħtija fis-26 ta' April 2012. F'dan il-każ, fejn l-imsemmi Gordi Felice kien ġie akkużat fit-Tieni Kap bi traffikar ta' MDMA (ecstasy) u fit-Tielet Kap b'pussess aggravat ta' l-istess, huwa eċċepixxa n-nullita` tat-Tieni Kap jew alternattivament tat-Tielet Kap in kwantu l-fatt miġjub f'dawn il-Kapi huwa l-istess u r-reat addebitat huwa wkoll l-istess bil-konsegwenza li l-Avukat Ġenerali ma setax jagħmel żewġ Kapijiet separati. Fis-sentenza tagħha din il-Qorti osservat:

**"18. Issa, permezz tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża l-appellant qiegħed jiġi akkużat bi traffikar. Permezz tat-Tielet Kap huwa evidenti illi l-Avukat Ġenerali ried**

**jakkużah b'pussess 'aggravat'. L-Avukat Ġenerali, pero`, dehrlu li kellu jiċċita l-azzjonijiet kollha elenkati fir-regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali 22/1985, u ċioe` li l-akkużat 'importa, immanifattura, esporta, xtara, biegħ, uża jew kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina' in kwistjoni. B'daqshekk ma jfissirx illi ż-żewġ Kapi qegħdin jitkellmu dwar l-istess reat. Forsi kien ikun anqas ta' tfixkil ghall-ġurati li kieku l-Avukat Ġenerali ma elenkax l-azzjonijiet kollha msemmija f'dak ir-regolament. Il-fatt li semmihom, pero`, ma jrendix la dan il-Kap, u wisq anqas it-Tieni Kap, nulli. Sta għall-ewwel Qorti biex tindika lill-gurati dak li jista' jitqies applikabbli. Effettivament fis-sentenza appellata hija diġa` ddeskriviet dawn iż-żewġ Kapi bħala 'wieħed ta' traffikar u l-ieħor ta' pussess aggravat'."**

**19.** Minn dan il-bran jista' jittieħed spunt biex jingħad ukoll illi ma hemm xejn irregolari illi l-Avukat Ġenerali jakkuża persuna ta' traffikar taħt Kap wieħed u ta' pussess aggravat f'Kap ieħor. Wara kollox, għalkemm it-traffikar u l-pussess aggravat huma bi ksur ta' l-istess artikolu tal-liġi, huma azzjonijiet differenti u fl-istess ħin jista' eventwalment jirriżulta mill-provi li jkun applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, cioe` li fejn żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi. Diversi huma l-pronunzjamenti tal-Qrati f'każijiet analogi fejn ġie applikat l-artikolu 17(h) imsemmi. Hekk, per eżempju, f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem** deċiż fis-16 ta' Ottubru 2003 u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ahmed Esawi Mohamed Fakri** deċiż fil-11 ta' Novembru 2004 fejn l-akkużati nstabu ħatja ta' assoċjazzjoni, importazzjoni u pussess aggravat u r-reati ta' assoċjazzjoni u importazzjoni ġew meqjusa li servew bħala mezz għall-fini biex jiġi kommess ir-reat ta' pussess aggravat.

**20.** Kwantu għall-fatt illi hemm żewġ Kapi separati ta' traffikar, mill-parti narrattiva ta' dawn il-Kapi jirriżulta li l-persuni li allegatament akkwistaw l-eroina kienu differenti minn dawk li allegatament akkwistaw ir-raza tal-cannabis,

u kien għalhekk illi jidher illi l-Avukat Ġenerali ddeċieda illi jqiegħdhom f'Kapi separati. Dan ma jfissirx illi ma jistgħux, f'każ li jirriżultaw pruvati, jiġu assorbiti f'xulxin mill-Qorti. Bħalma tkun tista' tagħmel il-Qorti in kwantu jirrigwarda t-tliet Kapi separati ta' pussess aggravat.

**21.** Meħud dan kollu in konsiderazzjoni, għalhekk, anke r-raba' aggravju huwa miċħud.

**22.** Kwantu għall-appell ta' Christopher Mazzitelli, kif ingħad, l-aggravji tiegħu jirrigwardaw l-eċċezzjonijiet tiegħu mmarkati (D), (E) u (H), u li huma identiċi għall-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti (E), (F) u (K) rispettivament. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal *supra* f'paragrafi 10 sa 21.

**23.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad kemm l-appell ta' Giovanna Pace kif ukoll l-appell ta' Christopher Mazzitelli u tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-Qorti Kriminali sabiex dik il-Qorti tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-imsemmijin Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------